REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1221/2012

tat-12 ta' Diċembru 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 684/2009 fir-rigward tad-dejta li għandha tiġi sottomessa skont l-proċedura kompjuterizzata għall-moviment tal-prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

(1) Fejn skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 [2], xi spazju vojt li jrid jimtela fl-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku jista' jimtela biss b'numru tal-VAT, it-tul massimu ta' dan l-ispazju għandu jkun jikkorrispondi mat-tul massimu tal-ispazju tan-numri tal-VAT maħruġa mill-Istati Membri.

(2) L-installazzjonijiet fissi tat-trasport mhux dejjem ikollhom identifikazzjoni unika u għalhekk ir-rekwiżit stipulat fl-Anness I sabiex tiġi identifikata l-unità tat-trasport impjegata li tuża l-identifikazzjoni unika, għandu japplika biss fejn jeżisti dak il-mezz ta' identifikazzjoni.

(3) L-istrutturi tat-Tabella 1, it-Tabella 2 u t-Tabella 5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 għandhom jinbidlu biex jibdew jikkunsidraw li xi gruppi ta' dejta fihom, jistgħu jkunu jeħtieġu aktar minn entrata waħda.

(4) Il-kodiċijiet tal-pajjiżi terzi applikati għall-element tad-dejta l-Pajjiż Terz tal-Oriġini fis-Sottogrupp tad-Dejta PRODOTT TAL-INBID fit-Tabella 1 tal-Anness I għandhom jeskludu l-kodiċijiet stabbiliti fil-lista tal-Kodiċijiet tal-Istat Membri fl-Anness II u għandhom jeskludu wkoll "GR", li huwa l-kodiċi għall-Greċja użat fl-ISO 3166. Għalhekk, l-Anness I għandu jiġi emendat biex ikun jirrifletti dan.

(5) Il-lista tal-kodiċijiet tal-mezzi ta' trasport fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 tinkludi kodiċi għall-mezzi ta' trasport għajr dawk speċifikati fil-bqija tal-lista. Meta jintuża l-kodiċi għal mezzi oħra ta' trasport, jeħtieġ li tiżdied deskrizzjoni testwali li tkun tal-mezz tat-trasport inkwistjoni. L-Anness I għandu jiġi emendat kif xieraq.

(6) Sabiex jiġu identifikati l-bidliet ta' destinazzjoni jew il-qsim tal-operazzjonijiet li seħħew waqt iċ-ċaqliq tal-prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 n-numru tas-sekwenza ta' kull wieħed minn dawk l-operazzjonijiet għandu jiżdied mad-dokument amministrattiv elettroniku. It-Tabella 4 tal-Anness I għandu jiġi emendat kif xieraq.

(7) Il-messaġġ tal-Operazzjoni tal-Qsim stabbilit fit-Tabella 5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 għandu juri f'liema Stat Membru tkun qed isseħħ l-operazzjoni tal-qsim. Għalhekk dik it-tabella għandha tkun ristrutturata biex tkun tħaddan fiha grupp ekstra tad-dejta li jagħti din l-informazzjoni.

(8) Il-lista tal-kodiċijiet għal raġunijiet mhux sodisfaċenti fit-Tabella 6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 tinkludi n-numru tal-kodiċi 6 "korp tad-dejta wieħed jew aktar b'valuri inkorretti", iżda din il-kodiċi ma tipprovdix raġuni speċifika għall-valuri inkorretti u għalhekk ma tagħti l-ebda informazzjoni mhux ipprovduta mod ieħor. Għaldaqstant, din għandha titħassar.

(9) L-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2008/118/KE jippermetti lill-Istati Membri li jagħtu awtorizzazzjoni temporanja lil persuna li taġixxi bħala kunsinjatarju reġistrat. L-awtorizzazzjoni tista' tispeċifika kwantità massima awtorizzata għal kull kategorija ta' prodotti tas-sisa li jistgħu jiġu jkunu rċevuti. Għandu jkun possibbli li jiġi indikat meta f'kunsinna tinqabeż il-kwantità massima. Għalhekk, il-lista tal-kodiċijiet għal raġunijiet mhux sodisfaċenti fit-Tabella 6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 għandha tiġi emendata biex iżżid kodiċi ġdid għal dak il-għan.

(10) Għall-finijiet tar-Referenza tal-Uffiċċju Doganali li tiġi indikata fir-referenza tad-dokument amministrattiv elettroniku, għandhom jintużaw il-kodiċijiet ta' żewġ ittri tal-pajjiż stabbiliti fl-Istandard ISO 3166. L-Anness II għandu jiġi emendat skont dan.

(11) Għandu jkun possibbli li tinkludi rekord tal-użu ta' installazzjoni fissa ta' trasport bħala unità ta' trasport għall-prodotti tas-sisa fl-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku. Għalhekk il-lista tal-kodiċijiet għall-unitajiet tat-trasport fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 għandha tiġi emendata biex iżżid element ġdid.

(12) Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/209/UE tal-20 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-moviment li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward ta' ċerti addittivi, skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva

[1] ĠU L 9, 14.01.2009, p. 12.
[2] ĠU L 192, 24.7.2009, p. 13.

tal-Kunsill 2003/96/KE [1], ċerti prodotti maħsuba għall-użu bħala addittivi għall-fjuwils tal-magni għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-moviment li jinsabu fid-Direttiva 2008/118/KE. Il-lista tal-kodiċijiet għall-prodotti tas-sisa fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 għandha għalhekk tiġi emendata biex tkun tinkludi kodiċi ġdid tal-prodott tas-sisa għal dawk il-prodotti.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 684/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(14) L-emenda tal-lista tal-kodiċiijiet għall-prodotti tas-sisa fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 għandha tapplika mid-data meta, skont id-Deċiżjoni Implimentattiva 2012/209/UE, ċerti prodotti maħsuba għall-użu bħala addittivi għall-fjuwils tal-magni jsiru soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-moviment li jinsabu fid-Direttiva 2008/118/KE. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw żmien biżżejjed u l-operaturi ekonomiċi jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda qabel ma' dan ir-Regolament jibda japplika.

(15) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 684/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I jiġi emendat kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness II huwa emendat kif stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 110, 24.4.2012, p. 41.

ANNESS I

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) It-Tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Tabella 1*

Abbozz ta' dokument amministrattiv elettroniku u dokument amministrattiv elettroniku

(imsemmija fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 8(1))

A	B	C	D	E	F	G
		ATTRIBUT	R			
	a	Tip ta' messaġġ	R		Il-valuri possibli huma: 1 = Sottomissjoni standard (għandha tintuża fil-każijiet kollha minbarra fejn is-sottomissjoni tirrigwarda esportazzjoni b'rilaxx lokali) 2 = Sottomissjoni għall-esportazzjoni b'rilaxx lokali (Applikazzjoni tal-Artikolu 283 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (1)) It-tip tal-messaġġ m'għandux jokkorri fl-e-AD li għaliha jkun ġie assenjat ARC, u lanqas fid-dokument fuq karta msemmi fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.	n1
	b	Indikatur ta' sottomissjoni differita	R	'R' għas-sottomissjoni ta' e-AD għal moviment li nbeda taħt kopertura tad-dokument karta msemmi fl-Artikolu 8(1)	Valuri possibbli: 0 = falz 1 = veru Il-valur huwa pprogrammat bħala 'falz'. Dan l-element ta' dejta m'għandux jokkorri fl-e-AD li għalih ġie assenjat ARC, u lanqas fid-dokument stampat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 8(1)	n1
1		**MOVIMENT TAS-SISA e-AD**	R			
	a	Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni	R	Għandu jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD	Ipprovdi d-destinazzjoni tal-moviment bl-użu ta' wieħed minn dawn il-valuri li ġejjin: 1 = Maħżen tat-taxxa (punt (i) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE) 2 = Kunsinjatarju rreġistrat (punt (ii) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE) 3 = Kunsinjatarju temporanju rreġistrat (punt (ii) tal-Artikolu 17(1)(a) u l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2008/118/KE) 4 = Kunsinja diretta (Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2008/118/KE) 5 = Kunsinjatarju eżenti (punt (iv) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE)	n1

A	B	C	D	E	F	G
					6 = Esportazzjoni (punt (iii) tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE) 8 = Destinazzjoni mhux magħrufa (kunsinjatarju mhux magħruf; Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/118/KE)	
	b	Tul tal-Vjaġġ	R		Ipprovdi l-perjodu normali taż-żmien meħtieġ għall-vjaġġ filwaqt li tqis il-mezz tat-trasport u d-distanza involuta, espress f'sigħat (H) jew ġranet (D) segwit b'numru b'żewġ ċifri. (Eżempji: H12, jew D04). Indikazzjoni għal 'H' għandha tkun 24 jew anqas. Indikazzjoni għal 'D' għandha tkun 92 jew anqas.	an3
	c	Arranġament tat-Trasport	R		Identifika l-persuna responsabbli sabiex torganizza l-ewwel trasport bl-użu ta' wieħed mill-valuri li ġejjin: 1 = Kunsinjatur 2 = Kunsinjatarju 3 = Is-sid tal-prodotti 4 = Oħrajn	n1
	d	ARC	R	Għandu jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD	Ara l-Anness II, Lista tal-kodiċi 2	an21
	e	Data u ħin tal-validazzjoni tal-e-AD	R	Għandu jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD	Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali	dateTime
	f	Numru tas-sekwenza	R	Għandu jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD u għal kull bdil tad-destinazzjoni	Stabbilit għal 1 fil-validazzjoni inizjali u mbagħad miżjud b'1 f'kull e-AD ġġenerat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja ma' kull bdil tad-destinazzjoni.	n..2
	g	Data u ħin tal-Validazzjoni tal-Aġġornament	C	Id-data u l-ħin tal-validazzjoni tal-Messaġġ tal-bdil tad-destinazzjoni fit-Tabella 3, li għandhom jiġu pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja fil-każ ta' bdil tad-destinazzjoni	Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali	dateTime
2		**Kunsinjatur KUMMERĊJANT**	R			
	a	Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant	R		Ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu tal-maħżen awtorizzat jew tal-kunsinjatur irreġistrat	an13
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11

A	B	C	D	E	F	G
	e	Kodiċi postali	R			an..10
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta.	a2
3		**Post tal-Kunsinja KUMMERĊJANT**	C	'R' jekk il-Kodiċi tat-Tip tal-Oriġini fil-kaxxa 9d hija '1'		
	a	Referenza tat-Taxxa tal-Maħżen	R		Ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu tal-maħżen tat-taxxa tal-kunsinja	an13
	b	Isem il-Kummerċjant	O			an..182
	c	Isem tat-Triq	O			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	O			an..10
	f	Belt	O			an..50
	g	NAD_LNG	C	'R' jekk jintuża t-test għall-ispazju korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
4		**UFFIĊĊJU ta' Kunsinja - Importazzjoni**	C	'R' jekk il-Kodiċi tat-Tip tal-Oriġini fil-kaxxa 9d hija '2'		
	a	Numru ta' referenza tal-Uffiċċju	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-Uffiċċju tad-Dwana tal-importazzjoni. Ara l-Anness II Lista tal-kodiċi 5.	an8
5		**KUMMERĊJANT Kunsinjatarju**	C	'R', minbarra l-messaġġi tat-tip '2 - Sottomissjoni għall-esportazzjoni b'rilaxx lokali' jew għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 8 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		
	a	Identifikazzjoni tal-Kummerċjant	C	— 'R' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1, 2, 3 u 4 — 'O' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 6	Għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni: — 1, 2, 3 u 4: ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu għall-maħżen awtorizzat jew il-kunsinjatarju rreġistrat	an..16

A	B	C	D	E	F	G
				— Dan l-element tad-dejta ma japplikax għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 5 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*	— 6: ipprovdi n-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tal-persuna li tirrappreżenta l-kunsinjatur fl-uffiċċju tal-esportazzjoni	
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	R			an..10
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta.	a2
6		**KUMPLEMENT KUMMERĊJANT Kunsinjatarju**	C	'R' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 5 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		
	a	Kodiċi tal-Istat Membru	R		Ipprovdi l-Istat Membru tad-destinazzjoni bl-użu tal-Kodiċi tal-Istat Membru fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 3	a2
	b	Numru tas-Serje taċ-Ċertifikat tal-Eżenzjoni	D	'R' jekk Numru tas-Serje jissemma fiċ-ċertifikat tal-eżenzjoni tad-dazju tas-sisa stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 31/96 tal-10 ta' Jannar 1996 dwar iċ-ċertifikat ta' l-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa (2)		an..255
7		**Post tal-Kunsinja tal-KUMMERĊJANT**	C	— 'R' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1 u 4 — 'O' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 2, 3 u 5 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*	Ipprovdi l-post tal-kunsinja attwali tal-prodotti tas-sisa	
	a	Identifikazzjoni tal-Kummerċjant	C	— 'R' - għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1	Għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni: — 1: ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu għall-maħżen tat-taxxa tad-destinazzjoni	an..16

A	B	C	D	E	F	G
				— 'O' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 2, 3, u 5 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*	— 2, 3 u 5: ipprovdi n-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT jew xi identifikatur ieħor	
	b	Isem il-Kummerċjant	C	— 'R' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1, 2, 3 u 5 — 'O' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 4 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		an..182
	c	Isem tat-Triq	C	Għall-kaxxa 7c, 7e u 7f: — 'R' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 2, 3, 4 u 5 — 'O' għall-Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 1 *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	C			an..10
	f	Belt	C			an..50
	g	NAD_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
8		**UFFIĊĊJU Post tal-Kunsinja - Dwana**	C	'R' fil-każ tal-esportazzjoni (Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni 6) *(Ara l-Kodiċijiet tat-Tip tad-Destinazzjoni fil-kaxxa 1a)*		
	a	Numru ta' referenza tal-Uffiċċju	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-uffiċċju tal-esportazzjoni li fih id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 161(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 (3). Ara l-Anness II, Lista tal-kodiċi 5.	an8
9		**e-AD**	R			
	a	Numru ta' Referenza Lokali	R		Numru tas-serje uniku assenjat lill-e-AD mill-kunsinjatur li jidentifika l-kunsinja fid-dokumenti tal-kunsinjatur	an..22
	b	Numru tal-Fattura	R		Ipprovdi n-numru tal-fattura relatata mal-prodotti. Jekk ma tkunx għadha ġiet ippreparata l-fattura, għandu jingħata n-numru tan-nota tal-kunsinja jew ta' dokument ieħor tat-trasport	an..35
	c	Id-data tal-fattura	O	L-Istat Membru tal-kunsinja jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-dejta 'R'	Id-data tad-dokument hija murija fil-kaxxa 9b	Data

A	B	C	D	E	F	G
	d	Kodiċi tat-Tip tal-Oriġini	R		Il-valuri possibbli għall-oriġini tal-moviment huma: 1 = Oriġini - Maħżen tat-taxxa (fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2008/118/KE) 2 = Oriġini – Importazzjoni (fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE)	n1
	e	Data tal-Kunsinja	R		Id-data li fiha jibda l-moviment skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/118/KE. Din id-data ma tistax tkun aktar tard minn sebat ijiem wara d-data tas-sottomissjoni tal-abbozz tal-e-AD. Id-Data tal-Kunsinja tista' tkun data fil-passat fil-każ imsemmi fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2008/118/KE.	Data
	f	Ħin tal-Kunsinja	O	L-Istat Membru tal-kunsinja jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-dejta 'R'	Id-data li fiha jibda l-moviment skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/118/KE. Il-ħin indirizzat huwa l-ħin lokali	Time
	g	ARC Upstream	D	Għandu jiġi pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja mal-validazzjoni tal-e-AD ġodda wara l-validazzjoni tal-messaġġ 'Operazzjoni ta' qsim' (Tabella 5)	L-ARC li għandu jiġi pprovdut huwa l-ARC tal-e-AD sostitwit	an21
9.1		**SAD IMPORTAZZJONI**	C	'R' jekk il-kodiċi tat-tipi tal-oriġini fil-kaxxa 9d hija '2' (importazzjoni)		**9X**
	a	Numru SAD tal-Importazzjoni	R	In-Numru SAD għandu jiġi pprovdut jew mill-kunsinjatur fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-abbozz tal-e-AD jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja mal-validazzjoni tal-abbozz tal-e-AD	Ipprovdi n-numr(u/i) tad-Dokument(i) Amministrattiv(i) Uniku/Uniċi użati għar-rilaxx tal-prodotti kkonċernati fiċ-ċirkulazzjoni libera	an..21
10		**UFFIĊĊJU Awtorità Kompetenti fil-kunsinja**	R			
	a	Numru ta' referenza tal-Uffiċċju	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-uffiċċju tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tal-kunsinja responsabbli għall-kontroll tas-sisa fil-post tal-kunsinja. Ara l-Anness II, Lista tal-kodiċi 5.	an8
11		**GARANZIJA tal-MOVIMENT**	R			
	a	Kodiċi tat-Tip tal-Garanti	R		Identifika l-persun(a/i) responsabbli sabiex tipprovdi/jipprovdu l-Kodiċi tat-Tip tal-Garanti fl-Anness II, Lista tal-Kodiċi 6	n..4
12		**Garanti tal-KUMMERĊJANT**	C	'R' jekk japplika wieħed mill-Kodiċijiet tat-Tip tal-Garanti li ġejjin: 2, 3, 12, 13, 23, 24, 34, 123, 124, 134, 234 jew 1234 *(Ara l-Kodiċi tat-Tip tal-Garanti fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 6)*	Identifika t-trasportatur u/jew is-sid tal-prodotti jekk huma jipprovdu l-garanzija	**2X**

A	B	C	D	E	F	G
	a	Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant	O	L-Istat Membru tal-kunsinja jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-dejta 'R'	Ipprovdi numru tar-reġistrazzjoni SEED validu jew numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tat-trasportatur jew is-sid tal-prodotti tas-sisa	an13
	b	Numru VAT	O			an..14
	c	Isem il-Kummerċjant	C	Għal 12c, d, f u g: 'O' jekk jiġi pprovdut Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant, u f'każi oħra 'R'		an..182
	d	Isem tat-Triq	C			an..65
	e	Numru tat-Triq	O			an..11
	f	Kodiċi postali	C			an..10
	g	Belt	C			an..50
	h	NAD_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
13		**TRASPORT**	R			
	a	Kodiċi tal-Mezz tat-Trasport	R		Ipprovdi l-mezz tat-trasport fiż-żmien tal-bidu tal-moviment, bl-użu tal-kodiċi fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 7	n..2
	b	Informazzjoni kumplementarja	C	'R' jekk <Transport Mode Code> ikun 'Ieħor' Inkella 'O'	Ipprovdi deskrizzjoni testwali tal-mezz tat-trasport	an..350
	c	Informazzjoni kumplementarja_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test korrispondenti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa, ara l-lista tal-Kodiċi 1 fl-Anness II biex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' dejta.	a2
14		**Organizzatur Trasport KUMMERĊJANT**	C	'R' sabiex tiġi identifikata l-persuna responsabbli sabiex torganizza l-ewwel trasport jekk il-valur fil-kaxxa 1c huwa '3' jew '4'		
	a	Numru VAT	O	L-Istat Membru tal-kunsinja jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-dejta 'R'		an..14
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	R			an..10

A	B	C	D	E	F	G
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
15		**L-Ewwel Trasportatur KUMMERĊJANT**	O	L-Istat Membru tal-kunsinja jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-dejta 'R'	Identifikazzjoni tal-persuna li twettaq l-ewwel trasport	
	a	Numru VAT	O			an..14
	b	Isem il-Kummerċjant	R			an..182
	c	Isem tat-Triq	R			an..65
	d	Numru tat-Triq	O			an..11
	e	Kodiċi postali	R			an..10
	f	Belt	R			an..50
	g	NAD_LNG	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
16		**DETTALJI TRASPORT**	R			**99X**
	a	Kodiċi Unità Trasport	R		Ipprovdi l-Kodiċi tal-Unità tat-Trasport li tirrigwarda l-mezz tat-trasport indikat fil-kaxxa 13a. Ara l-Anness II Lista tal-kodiċi 8.	n..2
	b	Identità Unitajiet Trasport	C	'R' jekk il-Kodiċi tal-Unità ta' Trasport ma jkunx 5 *(Ara l-kaxxa 16a)*	Daħħal in-numru tar-reġistrazzjoni tal-unit(à/ajiet) tat-trasport meta l-Kodiċi tal-Unità ta' Trasport ma jkunx 5	an..35
	c	Identità tas-Siġill Kummerċjali	D	'R' jekk jintużaw siġilli kummerċjali	Ipprovdi l-identifikazzjoni tas-siġilli kummerċjali, jekk użati sabiex jissiġillaw l-unità tat-trasport	an..35
	d	Informazzjoni Siġill	O		Ipprovdi kull informazzjoni addizzjonali dwar dawn is-siġilli kummerċjali (pereżempju tipi ta' siġilli użati)	an..350
	e	Informazzjoni Siġill_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
	f	Informazzjoni Kumplimentari	O		Ipprovdi kull informazzjoni addizzjonali dwar it-trasport, pereżempju l-identità ta' kull trasportatur sussegwenti, informazzjoni dwar l-unitajiet tat-trasport sussegwenti	an..350

A	B	C	D	E	F	G
	g	Informazzjoni Kumplimentari_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
17		**Korp tad-Dejta e-AD**	R		Grupp separat tad-dejta jrid jintuża għal kull prodott li jagħmel parti mill-kunsinja	**999x**
	a	Referenza Unika tal-Prodott	R		Ipprovdi numru ta' sekwenza uniku, li jibdew minn 1	n..3
	b	Kodiċi Prodott tas-Sisa	R		Ipprovdi l-kodiċi tal-prodott tas-sisa applikabbli, ara l-Anness II, Lista tal-kodiċi 11	an..4
	c	Kodiċi NM	R		Ipprovdi l-Kodiċi NM applikabbli fid-data tal-kunsinja	n8
	d	Kwantità	R		Ipprovdi kwantità (espressa fl-unità tal-kejl assoċjata mal-kodiċi tal-prodott – ara l-Anness II, tabelli 11 u 12). Għal moviment għal kunsinjatarju rreġistrat imsemmi fl-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2008/118/KE, il-kwantità m'għandhiex taqbeż il-kwantità li huwa awtorizzat jirċievi. Għal moviment għal organizzazzjoni eżenti msemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/118/KE, il-kwantità m'għandhiex taqbeż il-kwantità rreġistrata fiċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa.	n..15,3
	e	Piż Gross	R		Ipprovdi l-piż gross tal-kunsinja (il-prodotti tas-sisa bl-ippakkjar)	n..15,2
	f	Piż Nett	R		Ipprovdi l-piż tal-prodotti tas-sisa mingħajr l-ippakkjar (għall-alkoħol u x-xarbiet alkoħoliċi, il-prodotti tal-enerġija u l-prodotti kollha tat-tabakk minbarra s-sigarretti)	n..15,2
	g	Qawwa alkoħolika	C	'R' jekk applikabbli għall-prodotti tas-sisa kkonċernati	Ipprovdi s-saħħa alkoħolika (perċentwal bil-volum ta' 20°C) jekk applikabbli skont l-Anness II, Lista tal-kodiċi 11	n..5,2
	h	Grad Plato	D	'R' jekk l-Istat Membru tal-kunsinja u/jew l-Istat Membru tad-destinazzjoni jintaxxaw il-birra fuq il-bażi tal-grad Plato	Għall-birra, ipprovdi l-grad Plato jekk l-Istat Membru tal-kunsinja u/jew l-Istat Membru tad-destinazzjoni jintaxxaw il-birra fuq dik il-bażi. Ara l-Anness II, Lista tal-kodiċi 11.	n..5,2
	i	Marka Fiskali	O		Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar il-marki fiskali mitluba mill-Istat Membru tad-destinazzzjoni	an..350
	j	Marka Fiskali_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
	k	Indikatur Marka Fiskali Użat	D	'R' jekk huma użati marki fiskali	Ipprovdi '1' jekk il-prodotti jkollhom fuqhom jew fihom marki fiskali jew '0' jekk il-prodotti ma jkollhomx fuqhom jew fihom marki fiskali	n1

A	B	C	D	E	F	G
	l	Denominazzjoni tal-Oriġini	O		Din il-kaxxa tista' tintuża sabiex tagħti ċertifikazzjoni: 1. fil-każ ta' ċerti nbejjed, fir-rigward tal-indikazzjoni protetta tal-oriġini jew ġeografika, skont il-leġiżlazzjoni relevanti tal-Komunità 2. fil-każ ta' ċerti xarbiet spiritużi, fir-rigward tal-indikazzjoni protetta tal-oriġini jew ġeografika, skont il-leġiżlazzjoni relevanti tal-Komunità 3. għal birra prodotta minn birrerija indipendenti żgħira, kif definita fid-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE (4), li għaliha huwa maħsub li tintalab rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Għandha tingħata ċertifikazzjoni kif ġej: "*huwa b'dan iċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott minn birrerija żgħira indipendenti*." 4. għal alkoħol etilu ddistillat minn distillerija żgħira, kif definita fid-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE, li għaliha huwa maħsub li tintalab rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Għandha tingħata ċertifikazzjoni kif ġej: "*huwa b'dan iċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott minn distillerija żgħira*."	an..350
	m	Denominazzjoni tal-Oriġini_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
	n	Daqs tal-Produttur	O		Għal birra u spirti, li għalihom hija mogħtija ċ-ċertifikazzjoni fil-qasam 17l (Indikazzjoni tal-oriġini), ipprovdi l-produzzjoni annwali tas-sena ta' qabel f'ettolitri ta' birra jew f'ettolitri ta' alkoħol pur rispettivament	n..15
	o	Densità	C	'R' jekk applikabbli għall-prodotti tas-sisa kkonċernati	Ipprovdi d-densità fi 15°C, jekk applikabbli skont it-tabella fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 11	n..5,2
	p	Deskrizzjoni Kummerċjali	O	L-Istat Membru tal-kunsinja jista' jiddeċiedi li jagħmel din id-dejta obbligatorja. 'R' għat-trasport bl-ingrossa ta' nbejjed imsemmi fil-paragrafi 1 sa 9, 15 u 16 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 (5), li għalih id-deskrizzjoni tal-prodott għandu jkun fiha d-dettalji fakultattivi stabbiliti fl-Artikolu 60 ta' dak ir-Regolament sakemm dawn jintwerew fuq it-tikkettar jew ikun ippjanat li dawn jintwerew fuq it-tikkettar.	Ipprovdi d-deskrizzjoni kummerċjali tal-prodotti sabiex tidentifika l-prodotti trasportati	an..350
	q	Deskrizzjoni Kummerċjali_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
	r	Isem tad-Ditta tal-Prodotti	D	'R' jekk il-prodotti tas-sisa għandhom isem tad-ditta. L-Istat Membru tal-kunsinja jista' jiddeċiedi li l-isem tad-ditta tal-prodotti trasportati m'għandux	Ipprovdi l-isem tad-ditta tal-prodotti, jekk applikabbli	an..350

A	B	C	D	E	F	G
				jiġi pprovdut jekk ikun mogħti fil-fattura jew dokument kummerċjali ieħor imsemmi fil-kaxxa 9b		
	s	Isem tad-Ditta tal-Prodotti_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
17.1		**PAKKETT**	R			**99x**
	a	Kodiċi tat-Tip ta' Pakketti	R		Ipprovdi t-tip ta' pakkett, bl-użu ta' waħda mill-kodiċi fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 9	an2
	b	Numru ta' Pakketti	C	'R' jekk immarkat 'Jista' jingħadd'	Ipprovdi n-numru tal-pakketti jekk il-pakketti jistgħu jingħaddu skont l-Anness II, Lista tal-kodiċi 9	n..15
	c	Identità tas-Siġill Kummerċjali	D	'R' jekk jintużaw siġilli kummerċjali	Ipprovdi l-identifikazzjoni tas-siġilli kummerċjali, jekk użati sabiex jissiġillaw il-pakketti	an..35
	d	Informazzjoni Siġill	O		Ipprovdi kull informazzjoni addizzjonali dwar dawn is-siġilli kummerċjali (pereżempju tipi ta' siġilli użati)	an..350
	e	Informazzjoni Siġill_LNG	C	'R' jekk jintuża l-ispazju għat-test relevanti	Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentata fl-Anness II, Lista tal-kodiċi 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp tad-dejta	a2
17.2		**PRODOTTI TAL-INBID**	D	'R' għal prodotti tal-inbid inklużi fil-Parti XII tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007(6)		
